



2015/2042(INI)

22.5.2015

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress
(2015/2042(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Sven Schulze

PR_INI

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (2015/2042(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea Mikrofinanzjament Progress – 2013 (COM(2014)0639),
 - wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni Interim tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress tal-5 ta' Mejju 2015¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (“EaSI”) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali² (“il-Faċilità”)
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali³,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal- 24 ta' Marzu 2009 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar inizjattiva Ewropea għall-iżvilupp ta' mikrokreditu bħala appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0000/2015),
- A. billi l-mikrofinanzjament jista' jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; billi l-mikrofinanzjament jista' jgħin lin-nies joħorġu mill-faqar u jtejjeb l-inklużjoni soċjali;
- B. billi l-għan ta' din il-Faċilità huwa li jżied l-aċċess għall-finanzi għall-persuni qiegħda u nies oħra żvantaġġati u għall-mikrointrapriżi, li min-naħa tiegħu jiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir fil-komunitajiet lokali;
- C. billi l-Faċilità ttejjeb il-kundizzjonijiet li skonthom min jissellef jista' jikseb self u tagħmel il-finanzjament disponibbli għal individwi li kieku ma jkunux eliġibbli; billi l-

¹ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=fr&pubId=7760>

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238.

³ ĠU L 87, 7.4.2010, p. 2.

⁴ ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 85.

intermedjarji tal-mikrofinanzjament (MFIs) ibbenefikaw mill-Faċilità fi 22 Stat Membru; billi l-għan ġenerali tal-Faċilità huwa li tiżborża 46 000 mikroselva sal-2020, li jirrappreżentaw ammont stmat ta' EUR 500 miljun;

- D. billi r-rata ta' ħlas lura minn min jissellef huwa stmat li hu ta' 95 %; billi l-Faċilità għenet lil persuni qiegħda jifihom n-negozji tagħhom stess u għenet lil nies li jaħdmu għal rashom jippreservaw jew jespandu l-mikrointrapriżi tagħhom f'termini ta' impjiegi miżmuma, impjiegi ġodda u l-fatturat iġġenerat; billi l-Faċilità laqget żoni Ewropej remoti u iġġenerat l-attività ekonomika;
- E. billi għadu diffiċli jiġi evalwat kemm qed jintlaħqu l-minoranzi peress li l-biċċa l-kbira tal-MFIs mhumiex involuti speċifikament f'attività biex jiżdied l-ilħuq tal-minoranzi; billi dawh li jirċievu mikrokreditu mhux neċessarjament iqisu lilhom infushom bħala grupp emarġinat jew jibzgu li jiġu ddiskriminati jekk l-isfond etniku tagħhom jiġi żvelat;
- F. billi l-proporzjon fil-mira ta' 40:60 bejn l-impreditturi nisa u rġiel kważi ntlaħaq, u billi huwa sinifikament ogħla mill-medja tal-Unjoni;
- G. billi s-servizzi ta' żvilupp tan-negozju bħat-taħriġ u l-mentoring huma kruċjali għas-suċċess u l-vijabbiltà ta' mikrointrapriża;
- H. billi l-assenza ta' finanzjament ta' intrapriżi fl-ekonomija soċjali ġie identifikat bħala nuqqas tal-Faċilità;
- I. billi hemm indikazzjonijiet li l-mikrofinanzjament jippermetti lin-negozji jagħmlu t-tranżizzjoni minn ekonomija moħbija għal status ta' attività ekonomika ddikjarata;
- J. billi hemm il-potenzjal għal sinerġiji bejn il-Faċilità u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) u fondi oħra tal-UE, u b'hekk jiġu evitati sovrappożizzjonijiet mhux mixtieqa;

Inżidu l-aċċess għall-mikrofinanzjament

1. Jenfasizza l-importanza ta' strument finanzjarju bħall-Faċilità fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja sabiex jiġi żgurat li l-persuni qiegħda u l-mikrointrapriżi jkollhom aċċess għall-finanzjament;
2. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jagħmlu operattiv l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali (MF/SE) tal-EaSI malajr kemm jista' jkun sabiex jiġi żgurat aċċess għall-flus għall-benefiċjarji; jistenna li l-EaSI se jindirizza b'suċċess in-nuqqasijiet tal-Faċilità;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-adeqwatezza tad-definizzjoni attwali ta' mikrokreditu bil-ħsieb li tiżgura li l-istrumenti finanzjarji futuri jissodisfaw il-bżonnijiet tas-suq; jilqa' l-fatt li l-bilanċ u l-flussi ġodda tal-Faċilità se jiddaħħlu fil-baġit tal-assi MF/SE tal-EaSI, u b'hekk jiżded l-għadd ta' garanziji u strumenti ffinanzjati li se jiġu offruti lil min jissellef mikrokrediti;

Nilħqu l-gruppi mmirati u r-rappurtar tal-impatt soċjali

4. Jiddeplora l-fatt li, minħabba n-nuqqas ta' rappurtar soċjali definit sew, l-impatt soċjali tal-Faċilità ma ġiex imkejje b'mod aktar preċiż f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi, sostenibilità tan-negozji u l-ilħuq ta' gruppi ta' minoranza; jissuġġerixxi għalhekk li jiġu żviluppati indikaturi xierqa, u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk id-definizzjoni ta' gruppi mmirati jehtigiliex tkun iċċarata aktar;
5. Jistieden lill-FEI jinforza d-dispożizzjonijiet fi ftehimiet mal-MFIs li jitolbuhom jikkooperaw aktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi ta' minoranza sabiex jilħqu l-gruppi mmirati b'mod aktar effettiv;
6. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-metodi li bihom tevalwa l-vijabbiltà tan-negozji wara l-ħlas lura tal-mikrokreditu;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-FEI jtejbu r-rappurtar dwar il-benefiċjarji u l-MFIs, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ sabiex ma jkunx hemm piż żejjed fuq l-MFIs; jenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni li tkun meħtieġa għal rapport xieraq jipprovduha min jissellef mikrokrediti biex ikunu jistgħu jiksbu self;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'termini ta' aċċess għall-mikrofinanzjament, u biex fil-futur tipprevedi l-istess proporzjon immirat bejn l-imprendituri nisa u rġiel;

Nappoġġjaw l-ekonomija soċjali

9. Jiddispjaċih li l-Faċilità ma ffinanzjatx numru sinifikanti ta' intrapriżi soċjali; jilqa' l-fatt għaldaqstant li persentaġġ speċifiku tal-baġit tal-EaSI huwa ddedikat għall-finanzjament ta' intrapriżi soċjali;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib dan l-element il-ġdid, filwaqt li tiżgura rappurtar adatt mill-MFIs;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa, u jekk hemm bżonn teżamina mill-ġdid, il-limitu

stipulat għas-self lil intrapriżi soċjali taħt l-EaSI, sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tas-suq;

Servizzi ta' mentoring u taħriġ u komplementarjetà ma' strumenti oħrajn

12. Jilqa' l-possibbiltà taħt l-EaSI li jiġi ffinanzjat il-bini tal-kapaċità ta' MFIs u għajna teknika għall-MFIs bil-ħsieb li jtejbju l-professjonalizzazzjoni tagħhom, il-forniment ta' servizz, u l-ġbir u l-ipproċessar tad-data sabiex ikun hemm informazzjoni aħjar dwar il-Faċilità;
13. Jiddeplora l-fatt li servizzi ta' żvilupp kummerċjali, inklużi l-mentoring u t-taħriġ, ma jistgħux jiġu direttament iffinanzjati taħt l-EaSI, u jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga modi ta' finanzjament futuri;
14. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw il-kooperazzjoni strateġika tagħhom rigward l-EaSI, l-FSE u programmi nazzjonali oħra possibbli, sabiex titjeb l-għajna mogħtija lil min jissellef mikrokrediti f'termini ta' taħriġ, mentoring u appoġġ ġenerali għal aktar vijabilità tan-negozju;
15. Jilqa' l-possibbiltà li jintużaw il-fondi mill-FSE għall-assi MF/SE tal-EaSI, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-FEI jinfurmaw aħjar lill-MFIs dwar din il-possibbiltà skont l-Artikolu 38 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni¹;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-FEIS huwa disponibbli biex jiffinanzja l-mikrointrapriżi;

L-intermedjarji tal-mikrofinanzjament

17. Jirrakkomanda li l-ftehimiet bejn l-MFIs u l-FEI jkunu iktar flessibbli u iktar faċli biex jinftehm, biex b'hekk MFIs iżgħar ikunu jistgħu jidħlu fis-suq malajr;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-FEI jivvalutaw kif ixerrdu aħjar il-benefiċċji tal-Faċilità lil pubbliku usa', lil hinn mir-rekwiżiti eżistenti imposti fuq l-MFIs;
19. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw is-settur ta' mikrofinanzjament u jagħmlu użu mill-Faċilità, billi jinvestigaw il-possibbiltajiet li għandhom l-intermedjarji mhux bankarji biex jidħlu fis-suq tal-mikrokreditu mingħajr ma jkunu jiddependu fuq bank insieħeb;
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu tagħha mal-atturi ta' mikrofinanzjament (MFIs, banek jew istituzzjonijiet mhux bankarji, netwerks bħan-Netzwerk Ewropew tal-Mikrofinanzi) fir-rigward tat-tfassil tal-prodotti li jridu jiġu offruti fil-qafas ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni;

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

21. Jinkoraġġixxi lill-FEI jinvestiga l-konformità tal-MFIs mal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Tajba għall-Għoti ta' Mikrokreditu;

◦

◦ ◦

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

L-isfond

L-għoti ta' mikrokrediti oriġina mill-Asja t'Isfel u l-Amerika Latina, fejn l-ewwel inizjattivi ta' mikrokreditu deheru aktar minn erbgħin sena ilu - inizjattivi li minn dak iż-żmien 'l hawn fil-magħgorparti tagħhom, operaw tajjeb ħafna.

L-effetti pożittivi fuq l-ekonomija lokali, li ntlaħqu permezz tal-għoti ta' mikrokrediti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għall-ġlieda kontra l-faqar, ispiraw lill-UE għall-ħolqien tal-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress fl-2010, b'valur totali ta' EUR 205 miljun, u dan sabiex anke fl-Ewropa l-persuni soċjalment u finanzjarjament żvantaġġjati jkollhom l-opportunità jggarantixxu haġja deċenti.

Attwalment il-faċilità Progress hija disponibbli biss fi 22 mit-28 Stat Membru. Dan huwa dovut għal-livelli differenti ta' żvilupp tal-ekonomiji Ewropej, kif ukoll għad-differenzi fl-interessi tas-suq u l-kundizzjonijiet regolatorji.

L-aħħar li l-Kummissjoni Ewropea eżaminat is-sitwazzjoni tal-faċilità Progress kien f'rapport ta' implimentazzjoni tal-2013, u barra minn hekk fasslet rapport interim dwar din il-faċilità, li se tibqa' operattiva sal-2016.

Il-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress għandha dimensjoni soċjopolitika u tissimplifika l-aċċess għall-mikrokrediti biex jitwaqqfu jew jiġu promossi intrapriżi żgħar. Din ma tiffinanzjax lill-mikroimpreditturi nfushom, iżda tippermetti lill-fornituri ta' mikrokrediti, l-hekk imsejħa intermedjarji li qed jipparteċipaw fil-programm fl-UE, jikkonċedu iktar self permezz ta' affidabbiltà kreditizja mtejba bis-saħħa tal-possibilità ta' finanzjament mill-ġdid offruta mill-faċilità Progress.

Il-faċilità Progress hija importanti u effettiva għall-ilħuq tal-miri tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali fil-qafas tal-Istrateġija UE 2020. Dan għaliex permezz ta' kumpaniji ġodda jistgħu jinħolqu għadd sinifikanti ta' impjiegi ġodda. Kważi 85 % ta' dawn l-impjiegi jinħolqu fil-mikrointrapriżi.

Korrisponentement teżisti domanda għolja għall-mikrokrediti, li ġejja mingħand persuni li mhumiex f'qagħda jiksibu self mis-settur bankarju tradizzjonali, u dan għaliex għal dan is-settur huma meqjusa bħala kategorija bi spejjeż intensivi projbittivi.

Il-faċilità Progress tgħin sabiex wieħed (jerġa') jidħol fis-suq tax-xogħol, li jiġi sfruttat il-potenzjal imprenditorjali, li jinkisbu ħiliet ġodda permezz ta' taħriġ u mentoring, u jippermetti lin-nies ikunu responsabbli għal haġġithom u jgħixu b'mod dinjituż.

Skont id-definizzjoni tal-UE li għadha tapplika sa issa (u dubjuża), mikrokreditu mogħti lil mikrointrapriża ma jisboqx il-EUR 25 000 (impriża li tħaddem inqas minn 10 persuni u li l-qligħ annwali tagħha u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ ma jisboqx EUR 2 miljuni, (l-Artikolu 2 tal-EaSI (Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali)).

Gruppi fil-mira

Il-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress hija l-ewwel u qabel kollox strument soċjopolitiku; il-funzjoni tagħha bħala strument ekonomiku hija biss waħda sekondarja. Din tikkonċentra fuq gruppi fil-mira li fil-qasam ekonomiku ma kinux ingħataw biżżejjed attenzjoni: persuni qiegħda (għal żmien twil), dawk li jirċievu għajnuna soċjali, immigranti, persuni li jagħmlu parti

minn minoranzi etniċi, persuni li huma attivi fl-ekonomija informali jew li jgħixu f'żoni rurali żvantaġġjati, u n-nisa.

Karatteristiċi speċifiċi tal-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress

Għall-banek, il-mikrokrediti lil individwi li jagħmlu parti mill-gruppi fil-mira deskritti hawn fuq jirrappreżentaw tranżazzjonijiet individwalment riskjużi u jinvolvu ħafna spejjeż, partikolarment ukoll minħabba li barra s-self innifsu, ikun hemm bżonn ta' pariri li jinvolvi bosta membri tal-persunal, dwar il-proġett ta' negozju u l-implimentazzjoni tiegħu (mentoring u taħriġ). Dan kollu jagħmel il-mikrokrediti għaljin u ta' marġni baxx, u għaldaqstant mhumiex attraenti biex jiġu kummerċjalizzati.

Dan ifisser li l-attività tal-mikrokreditu hija dejjem differenti mill-attività bankarja tradizzjonali,

hekk kif din permezz tal-ħolqien ta' inklużjoni soċjali, taqdi kompitu soċjali. L-għoti ta' mikrokrediti huwa utli mil-lat ekonomiku u soċjali, hekk kif l-appoġġ finanzjarju biex tintlaħaq l-indipendenza huwa inqas għali għall-istituzzjonijiet tal-istat mill-ispiża fuq il-benefiċċji soċjali għall-qgħad, u barra minn hekk iservi wkoll bħala l-punt tat-tluq għall-intraprenditorija.

Is-sitwazzjoni tal-faċilità Progress f'nofs il-perjodu operattiv

B'mod ġenerali, il-faċilità Progress tista' titqies li kienet ta' suċċess; permezz ta' disponibilità finanzjarja adegwata, saħansitra setgħet tintlaħaq domanda sostanzjalment ogħla. Ingħataw 13 252 mikrokreditu b'valur ta' EUR 124,6 miljun, f'it inqas mill-mira ta' EUR 142,4 miljun.

Qed jintlaħqu ħafna, jekk mhux kull grupp li hemm fil-mira.

Il-proporzjon fil-mira ta' 40:60 bejn l-imprendituri nisa u rġiel kważi ntlaħaq (37 % tal-benefiċjarji huma imprendituri nisa), għalkemm mhux l-intermedjarji kollha nedew programmi speċjali għat-twaqqif ta' intrapriżi min-nisa. Dan jirrappreżenta proporzjon kunsiderevolment ogħla ta' imprendituri nisa meta mqabbel mal-medja rreġistrata fl-UE. Madankollu għandu jitfittex li tintlaħaq kwota bilanċjata.

Skont rapport interim, 17 % ta' dawk intervistati ma kienx irnexxielhom jiksbu kreditu konvenzjonali minn bank. 68 % ta' dawk intervistati qalu li kienet l-ewwel darba li ppruvaw jieħdu self, u 56 % oħra assumew li ma kienx se jirnexxielhom jiksbu self b'kundizzjonijiet simili minn x'imkien ieħor. 43 % ta' dawk intervistati jinsabu, skont informazzjoni mogħtija minnhom, taħt il-linja nazzjonali rispettiva tal-faqar - rata kunsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE (18,2 %). 17 % jgħidu li saħansitra m'għandhomx mezz - rata għolja kważi d-doppju mill-medja tal-popolazzjoni tal-UE.

Għaldaqstant il-faċilità Progress tnaqqas b'mod effettiv is-soll biex ikun jista' jinkiseb kreditu.

L-effikaċja tal-faċilità Progress hija inqas ċara fir-rigward ta' gruppi żvantaġġjati tal-popolazzjoni u l-ekonomija soċjali. Minn naħa, dan jista' jiġi attribwit għall-fatt li, minħabba biża ta' diskriminazzjoni, ħafna mill-persuni li jeħtieġu self ma jiddeskrivux lilhom infushom li jagħmlu parti minn minoranza (etnika). Min-naħa l-oħra, indikaturi u obbligi ta' rappurtar inadegwati jew mhux żviluppjati biżżejjed jistgħu jwasslu għal għbir ta' data mhux sodisfaċenti.

L-effikaċja fl-ekonomija soċjali hija baxxa, peress li minn naħa, ħafna intermedjarji ma ppreżentawx programmi speċifiċi għal dan it-tip ta' ekonomija, filwaqt li min-naħa l-oħra, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali ħafna drabi jkollhom bżonn aktar flus minn kemm huwa possibbli skont id-definizzjoni ta' mikrokreditu. Din l-omissjoni tidher li għet rikonoxxuta taħt l-EaSI: L-Artikolu 26(c) jipprovdni wkoll aċċess finanzjarju aħjar għall-intrapriżi soċjali. Hawnhekk ta' min jiġi vverifikat jekk il-limitu massimu previst f'dan l-Artikolu jakkomodax il-ħtiġijiet tas-suq.

Is-sostenibbiltà tal-impjegji li jinħolqu għadha diffiċli tiġi vvalutata, hekk kif ħafna mill-krediti mogħtija mill-faċilità Progress ilhom inqas minn sena. Madankollu huwa importanti li tinholq il-possibbiltà li r-riżultati tal-mikrointrapriżi fis-suq jibqgħu jinżammu taħt osservazzjoni, anke wara tmiem is-self tagħhom.

L-allokkazzjoni ta' fondi tal-FSE għall-istrument tal-EaSI fil-qafas tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni

Il-possibbiltà li l-fondi tal-FSE jiġu attribwiti għall-istrument tal-EaSI hija ta' importanza partikolari. Skont l-Artikolu 38(1a) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni huwa possibbli li l-awtoritajiet tal-FSE jitħallew jallokaw partijiet tal-mezzi finanzjarji tal-FSE lil strumenti finanzjarji oħra tal-UE bħall-EaSI. Il-mezzi finanzjarji reġjonali mill-FSE attribwiti pereżempju lill-EaSI mbagħad ikollhom jintnefqu fl-istess reġjun.

Il-kumpartiment speċifiku għall-FSE fil-qafas tal-EaSI jrid jirrispetta l-parametri ġenerali tal-EaSI (pereżempju l-effett ta' ingranaġġ minimu), iżda jista' jżid ukoll xi kundizzjonijiet speċifiċi (pereżempju grupp speċifiku fil-mira, ngħidu aħna żgħażaġh li jissellfu mikrokrediti, in-nisa u l-persuni b'diżabbiltà).

Dan il-ftehim ikun jinkludi r-regoli ġenerali tal-istrumenti finanzjarji tal-EaSI, kif ukoll ir-regoli li japplikaw speċifikament għall-qasam magħżul. Dawn ir-regoli speċifiċi jistgħu jiżguraw pereżempju, li l-garanziji u s-self jintużaw għall-benefiċċju tal-persuni jew l-intrapriżi tal-pajjiż jew ir-reġjun kopert mill-programm operazzjonali u, possibbilment ikollhom fil-mira popolazzjonijiet speċifiċi bħaż-żgħażaġh. ("kontribuzzjoni riżervata"). Il-vantaġġ ta' dan ma jkunx biss li l-entità fdata (il-FEI) tkun diġà ntgħażlet mill-Kummissjoni, iżda wkoll li jkunu determinati tista' tgħid il-parametri kollha tal-istrumenti finanzjarji.

L-Istati Membri li jieħdu din l-għażla jonqsilhom il-piż amministrattiv tagħhom, hekk kif il-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi jkunu responsabbiltà tal-FEI.

Għaldaqstant l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom jistgħu jgħaqqdu l-kapaċità finanzjarja meta jħalltu r-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali, u jistgħu japprofittaw mill-għarfien espert tal-FEI

fil-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji.

Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-mikrointrapriżi

Il-pożizzjoni ġenerali fost il-fazzjonijiet kollha tal-Kumitat EMPL kienet li l-fondi tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) ikunu disponibbli anke għall-mikrointrapriżi. Din il-pożizzjoni qed tiġi mtennija għal darb' oħra.

Konklużjoni

Il-mikrokrediti ma joperawx biss fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iżda anke fl-Ewropa. Madankollu, fostna huma kkunsidrati primarjament bħala strument soċjopolitiku, li jagħti opportunità lill-persuni li jinsabu f' sitwazzjoni soċjali diffiċli.

Għall-promozzjoni tal-SMEs u ta' ideat innovattivi, jeżistu possibilitajiet oħra. Id-definizzjoni tal-UE ta' mikrokreditu ta' min tiġi riveduta, u għandha tiġi adattata għar-realtajiet tal-lum. Dan jgħodd ukoll għall-ammont massimu ta' self, li jista' ma jkunx suffiċjenti fil-pajjiżi kollha tal-UE. Il-possibbiltà li anke istituzzjonijiet mhux bankarji jkunu jistgħu jagħtu mikrokrediti, għandha tiġi estiża għall-Istati Membri kollha. L-assistenza esperta fl-iżvilupp ta' pjan ta' negozju u l-verifika u l-akkumpanjament sabiex tiġi realizzata l-idea ta' negozju (taħriġ u mentoring) għandhom ikunu jistgħu jiġu appoġġjati finanzjarjament taħt l-EaSI.

B'mod ġenerali huwa rakkomandat li jitkompla l-programm Progress, u dan b'kunsiderazzjoni tat-titjib fil-qafas tal-EaSI u l-proposti li saru f'dan ir-rapport.